# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/169

**tat-8 ta' Frar 2022**

**li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tad-dudu tad-dqiq (larva *Tenebrio molitor)* bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li huwa biss l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni li jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat.

(3) Fit-28 ta' Diċembru 2018, il-kumpanija Fair Insects BV ("l-applikant") ippreżentat applikazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 biex tqiegħed il-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tad-dudu tad-dqiq (larva *Tenebrio molitor)* fis-suq tal-Unjoni bħala ikel ġdid. L-applikant talab li l-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tad-dudu tad-dqiq (larva *Tenebrio molitor)* jintużaw f'għadd ta' ikel maħsub għall-popolazzjoni ġenerali.

(4) L-applikant issottometta wkoll talba lill-Kummissjoni għall-protezzjoni tad-*data* proprjetarja għal għadd ta' *data* sottomessa b'appoġġ għall-applikazzjoni. Jiġifieri, deskrizzjoni dettaljata tal-proċess ta' produzzjoni ([3]), *data* analitika dwar il-kompożizzjoni ([4]), studji tal-istabbiltà ([5]), studji tad-diġestibbiltà tal-proteini ([6]), studju taċ-ċitotossiċità, inklużi rapporti sħiħ ta' studju ([7]), lista ta' *data* analitika dwar il-kompożizzjoni ([8]), il-valutazzjoni tal-konsum u l-użi proposti u l-livelli tal-użu ([9]).

(5) F'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283, fid-9 ta' Awwissu 2019 il-Kummissjoni kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), u talbitha tagħti opinjoni xjentifika billi twettaq valutazzjoni tad-dud tad-dqiq friżat u mnixxef (larva *Tenebrio molitor)* bħala ikel ġdid.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

([3]) Taqsima 2.3_Proċess tal-produzzjoni, inklużi aġġornamenti; Appendiċi C11; Appendiċi C17 — Fair Insects BV, 2020 (mhux ippubblikat).

([4]) Taqsima 2.4_*Data* ta' kompożizzjoni, inklużi aġġornamenti; Taqsima 2.9_Informazzjoni nutrizzjonali, inklużi l-aġġornamenti; Appendiċi B4, inklużi l-aġġornamenti; Appendiċi B5, inklużi l-aġġornamenti; Appendiċi C20; Appendiċi D1, inklużi l-aġġornamenti; Appendiċi D2, inklużi l-aġġornamenti; Appendiċi D6, inklużi l-aġġornamenti - Fair Insects BV, 2020 (mhux ippubblikat).

([5]) Appendiċi 2.4.4_Stability, inklużi l-aġġornamenti; Appendiċi C21; Appendiċi C22; Appendiċi D7, inklużi l-aġġornamenti - Fair Insects BV, 2020 (mhux ippubblikat).

([6]) Appendiċi D4, inklużi l-aġġornamenti — Fair Insects BV, 2020 (mhux ippubblikat). Studju DIASS (taqsima 2.8_upd, taqsima 2.9_upd, taqsima 2.11_upd).

([7]) Taqsima 2.10 Informazzjoni tossikoloġika, inklużi aġġornamenti; Appendiċi D5, inklużi l-aġġornamenti - Fair Insects BV, 2020 (mhux ippubblikat).

([8]) Appendiċi B2, Fair Insects BV, 2020 (mhux ippubblikat).

([9]) Valutazzjoni tal-konsum minn Schuttelaar & Partners (taqsima 2.7_upd); *Data* proposta dwar l-użu u l-livelli tal-użu stmata minn Schuttelaar & Partners (taqsima 2.7_upd) — Fair Insects BV, 2020 (mhux ippubblikata);

(6) Fis-7 ta' Lulju 2021 l-Awtorità, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283 adottat l-opinjoni xjentifika tagħha dwar is-"Sikurezza ta' formulazzjonijiet iffriżati u mnixxfa minn dudu tad-dqiq sħiħ (*Tenebrio molitor* larva) bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283" ([10]).

(7) Fl-opinjoni tagħha, l-Awtorità kkonkludiet li l-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tad-dudu tad-dqiq (*Tenebrio molitor* larva) huma sikuri skont l-użi u l-livelli tal-użu proposti. Għalhekk, l-opinjoni tal-Awtorità tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tad-dudu tad-dqiq (*Tenebrio molitor* larva) skont il-kundizzjonijiet speċifiċi tal-użu jissodisfaw ir-rekwiżiti għat-tqegħid tiegħu fis-suq skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(8) F'dik l-opinjoni u fl-opinjoni tal-Awtorità dwar l-"Opinjoni Xjentifika dwar is-sikurezza tad-dudu tad-dqiq imnixxef (*Tenebrio molitor* larva) bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283" ([11]), l-Awtorità kkonkludiet ukoll abbażi ta' evidenza ppubblikata limitata dwar l-allerġija tal-ikel relatata mal-insetti, li l-konsum tal-ikel ġdid jista' jwassal għal sensitizzazzjoni primarja u reazzjonijiet allerġiċi għall-proteini tad-dudu tad-dqiq. Skont ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità biex twettaq riċerka dwar l-allerġeniċità għal-larva tat-*Tenebrio molitor*, il-Kummissjoni bħalissa qed tesplora l-modi biex twettaq ir-riċerka meħtieġa. Sakemm id-*data* tiġi ġġenerata mir-riċerka u tiġi vvalutata mill-Awtorità, u meta wieħed iqis li, sal-lum, ġew irrapportati biss il-ftit każijiet allerġiċi skont id-*data* disponibbli għall-industrija tal-insetti tal-larva ([12]) mnixxfa ta' *Tenebrio molitor*, il-Kummissjoni tqis li ma jenħtieġx li jiġi inkluż rekwiżit ta' tikkettar speċifiku li jikkonċerna l-potenzjal tal-larva ta' *Tenebrio molitor* li tikkawża sensitizzazzjoni primarja, fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat.

(9) F'dawk l-opinjonijiet, l-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-konsum tal-ikel ġdid jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi f'persuni li huma allerġiċi għall-krustaċji u d-dud tat-trab minħabba r-reattività inkroċjata. Barra minn hekk, l-Awtorità nnutat li jistgħu jispiċċaw allerġeni addizzjonali fl-ikel ġdid, jekk dawn l-allerġeni jkunu preżenti fis-substrat mitmugħ lill-insetti. Dan jista' jinkludi allerġeni elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([13]). Għalhekk, huwa xieraq li l-forom friżati, mnixxfa, u tat-trab tad-dudu tad-dqiq (*Tenebrio molitor* larva) isiru disponibbli għall-konsumatur bħala tali u ikel li jkun fih dawn il-preparazzjonijiet jkunu ttikkettati kif xieraq skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2015/2283 u r-Regolament (UE) Nru 1169/2011.

(10) Fl-opinjoni tagħha, l-Awtorità nnutat li d-deskrizzjoni dettaljata tal-proċess ta' produzzjoni, id-*data* analitika dwar il-kompożizzjoni, l-istudji dwar l-istabbiltà, l-istudju dwar id-diġestibbiltà tal-proteini, l-istudju dwar iċ-ċitotossiċità, inklużi rapporti sħaħ ta' studju, serviet bħala bażi biex tiġi stabbilita s-sikurezza tal-ikel ġdid. L-awtorità nnutat ukoll li ma setgħetx tasal għall-konklużjoni tagħha mingħajr dik id-*data*, iddikjarata mill-applikant bħala proprjetarja.

(11) Il-Kummissjoni talbet lill-applikant biex jiċċara aktar il-ġustifikazzjoni pprovduta fir-rigward tal-pretensjoni proprjetarja tiegħu fuq dik id-data u biex jiċċara t-talba tiegħu għal dritt esklużiv ta' referenza għal dik id-data, kif meħtieġ skont l-Artikolu 26(2)(b) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(12) L-applikant iddikjara li, fiż-żmien li ġiet imressqa l-applikazzjoni, kellu d-dritt proprjetarju u esklużiv ta' referenza għal dik id-data skont il-liġi nazzjonali, u li għalhekk il-partijiet terzi ma jistgħux jaċċessaw, jużaw jew jirreferu għal dik id-*data* b'mod legali.

([10]) *EFSA Journal* 2021; 19(8):6778.
([11]) *EFSA Journal* 2021; 19(1):6343.
([12]) Il-larva ta' *Tenebrio molitor* titqieghed fis-suq f'għadd ta' Stati Membri skont il-miżuri tranżizzjonali stipulati fl-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283.
([13]) Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

(13) Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni kollha li pprovdielha l-applikant u kienet tal-fehma li l-applikant issostanzja biżżejjed it-twettiq tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Għalhekk, id-deskrizzjoni dettaljata tal-proċess tal-produzzjoni ([14]), id-*data* analitika dwar il-kompożizzjoni ([15]), tal-istudji dwar l-istabbiltà ([16]), tal-istudju dwar id-diġestibbiltà tal-proteini ([17]), studju dwar iċ-ċitotossiċità, inklużi r-rapporti ta' studju sħaħ ([18]), li jinsabu fil-fajl tal-applikant, li fuqhom l-Awtorità bbażat il-konklużjoni tagħha dwar is-sikurezza tal-ikel ġdid u li mingħajrhom ma setgħetx tivvaluta l-ikel ġdid, jenħtieġ li ma jintużawx mill-Awtorità għall-benefiċċju ta' kwalunkwe applikant sussegwenti għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-applikant biss ikun awtorizzat iqiegħed forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tad-dudu tad-dqiq (larva *Tenebrio molitor*) fis-suq fl-Unjoni matul dak il-perjodu.

(14) Madankollu, ir-restrizzjoni tal-awtorizzazzjoni ta' forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tad-dudu tad-dqiq (larva *Tenebrio molitor)* u tar-referenza għad-*data* li jinsabu fil-fajl tal-applikant għall-użu uniku tal-applikant, ma twaqqafx lil applikanti oħra milli japplikaw għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-istess ikel ġdid, diment li l-applikazzjoni tagħhom tkun ibbażata fuq informazzjoni miksuba legalment li tappoġġa l-awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2015/2283.

(15) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tad-dudu tad-dqiq (larva *Tenebrio molitor)*, kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. Għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-applikant oriġinali biss:

kumpanija: Fair Insects BV;

indirizz: Industriestraat 3, 5107 NC Dongen, in-Netherlands,

huwa awtorizzat li jqiegħed fis-suq fl-Unjoni l-ikel ġdid imsemmi fil-paragrafu 1, sakemm xi applikant sussegwenti ma jiksibx awtorizzazzjoni għall-ikel ġdid mingħajr referenza għad-data protetta skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament jew bi qbil ma' Fair Insects BV.

3. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-kundizzjonijiet tal-użu u r-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([14]) Taqsima 2.3_Proċess tal-produzzjoni, inklużi aġġornamenti; Appendiċi C11; Appendiċi C17 — Fair Insects BV, 2020 (mhux ippubblikat).

([15]) Taqsima 2.4_*Data* ta' kompożizzjoni, inklużi aġġornamenti; Taqsima 2.9_Informazzjoni nutrizzjonali, inklużi l-aġġornamenti; Appendiċi B4, inklużi l-aġġornamenti; Appendiċi B5, inklużi l-aġġornamenti; Appendiċi C20; Appendiċi D1, inklużi l-aġġornamenti; Appendiċi D2, inklużi l-aġġornamenti; Appendiċi D6, inklużi l-aġġornamenti - Fair Insects BV, 2020 (mhux ippubblikat).

([16]) Appendiċi 2.4.4_Stability, inklużi l-aġġornamenti; Appendiċi C21; Appendiċi C22; Appendiċi D7, inklużi l-aġġornamenti - Fair Insects BV, 2020 (mhux ippubblikat).

([17]) Appendiċi D4, inklużi l-aġġornamenti - Fair Insects BV, 2020 (mhux ippubblikat). Studju DIASS (taqsima 2.8_upd, taqsima 2.9_upd, taqsima 2.11_upd).

([18]) Taqsima 2.10 Informazzjoni tossikoloġika, inklużi aġġornamenti; Appendiċi D5, inklużi l-aġġornamenti - Fair Insects BV, 2020 (mhux ippubblikat).

*Artikolu 2*

L-istudji li hemm fil-fajl tal-applikazzjoni li fuq il-bażi tagħhom l-ikel ġdid imsemmi fl-Artikolu 1 ġie vvalutat minnaħa tal-Awtorità, u li skont kif ġie ddikjarat mill-applikant huma propretarji, u li mingħajrhom l-ikel ġdid ma setax jiġi awtorizzat, ma għandhomx jintużaw għall-benefiċċju ta' applikant sussegwenti għal perjodu ta' ħames snin middata tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament mingħajr il-qbil ta' Fair Insects BV.

*Artikolu 3*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Frar 2022.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

| Ikel ġdid awtorizzat | Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel ġdid | | | Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi addizzjonali | Rekwiżiti oħrajn | Protezzjoni tad-*data* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Forom iffriżati, imnixxfin u tat-trab tad-dudu tad-dqiq (larva *Tenebrio molitor*) | Kategorija tal-ikel speċifikat | Livelli massimi (g/100 g) (kummerċjalizzati bħala tali jew rikostitwiti skont l-istruzzjonijiet) | | 1. Skont il-forma użata, id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel għandha tkun 'dud tad-dqiq iffriżat (larva *Tenebrio molitor*)', 'dud tad-dqiq imnixxef (*Tenebrio molitor* larva)', jew 'trab tad-dud tad-dqiq (*Tenebrio molitor* larva)'.<br>2. It-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom il-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tad-dud tad-dqiq (larva *Tenebrio molitor*) għandu jkollu dikjarazzjoni li dan l-ingredjent jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi lill-konsumaturi b'allerġiji magħrufa għall-krustaċji, u għall-prodotti tagħhom, kif ukoll għall-akari tat-trab. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun qrib il-lista tal-ingredjenti. | | Awtorizzat nhar l-1 ta' Marzu 2022. Din l-inklużjoni tissejjes fuq evidenza xjentifika u *data* xjentifika proprjetarja protetta f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283.<br>Applikant: Fair Insects BV, Industriestraat 3, 5107 NC Dongen, in-Netherlands.<br>Matul il-perjodu tal-protezzjoni tad-data, l-ikel ġdid ikun awtorizzat għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni minn Fair Insects BV biss, sakemm xi applikant sussegwenti ma jiksibx awtorizzazzjoni għal dak l-ikel ġdid mingħajr referenza għall-evidenza xjentifika jew għad-data xjentifika proprjetarja protetta f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283 jew bi qbil ma' Fair Insects BV.<br>Id-data ta' tmiem il-protezzjoni tad-data: l-1 ta' Marzu 2027." |
| | | Iffriżat | Imnixxef jew trab | | | |
| | Forom iffriżati, imnixxfin u tat-trab tad-dudu tad-dqiq (larva *Tenebrio molitor*) | | | | | |
| | Ħobż u bziezen b'diversi qmuħ; crackers u grissini | 30 | 10 | | | |
| | Bars taċ-ċereali | 30 | 15 | | | |
| | Prodotti bbażati fuq għaġin imnixxef; platti bbażati fuq l-għaġin (minbarra għaġin minfuħ); pizza u platti li jixbħu l-pizza | 15 | 10 | | | |
| | Prodotti b'bażi fuq għaġin mimli imnixxef | 30 | 15 | | | |
| | Taħlitiet minn qabel (niexfa) għal prodotti moħmija | 30 | 15 | | | |
| | Zlazi | 30 | 10 | | | |
| | Platti b'bażi ta' patata, legumi | 15 | 10 | | | |
| | Trab tax-xorrox | 40 | 20 | | | |
| | Analogi tal-laħam | 80 | 50 | | | |
| | Sopop u insalati | 20 | 5 | | | |
| | Patata/krips | 40 | 20 | | | |
| | Xorb li jixbah lill-birer; xarbiet alkoħoliċi mħallta; taħlitiet ta' xorb alkoħoliku | 1 | 1 | | | |
| | Prodotti taċ-ċikkulata | 30 | 10 | | | |
| | Ġewż, żrieragħ żejtnin u ċiċri | 40 | 30 | | | |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Prodotti ffriżati tal-ħalib iffermentat | 15 | 5 | | | |
| | Preparazzjonijiet tal-laħam | 40 | 16 | | | |

(2) fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

| Ikel Ġdid Awtorizzat | Speċifikazzjoni | | |
|---|---|---|---|
| "Forom iffriżati, imnixxfin u tat-trab tad-dudu tad-dqiq (larva *Tenebrio molitor*) | **Deskrizzjoni/Definizzjoni:**<br>L-ikel il-ġdid huwa forom iffriżati, imnixxfin u tat-trab tad-dud tad-dqiq (larva *Tenebrio molitor*) It-terminu 'dudu tad-dqiq' jirreferi għall-forma ta' larva ta' *Tenebrio molitor,* speċi ta' insetti fil-familja tal-ħanfus Tenebrionidae (darkling beetles). Sinonimu xjentifiku ieħor identifikat huwa *Tenebrio molitor* Linnaeus.<br>Id-dudu sħiħ huwa maħsub għall-konsum mill-bniedem u l-ebda parti ma titneħħa.<br>Jeħtieġ perjodu minimu ta' 24 siegħa ta' sawm qabel ma l-insetti jinqatlu permezz tal-iffriżar, sabiex jingħata ċans li l-larva jbattlu l-kontenut ta' msarinhom.<br>L-ikel ġdid huwa maħsub li jiġi mqiegħed fis-suq fi tliet forom differenti, jiġifieri: Larva *T. molitor* sħiħa, mismuta u ffriżata (iffriżata); Larva *T. molitor* (imnixxfa) sħiħa, imnaddfa u mnixxfa bil-friża li tista' tkun f'forma ta' trab (trab). | | |
| | Parametri | Iffriżat | Imnixxef jew trab |
| | **Karatteristiċi/Kompożizzjoni** | | |
| | Irmied | 0,9-1,10 | 3,6-4,1 |
| | Indewwa (% w/w) | 69-75 | ≤ 5 |
| | Proteina mhux raffinata (N x 6,25) (% w/w) | 14-19 | 54-60 |
| | Xaħam (% w/w) | 7-12,5 | 27-30 |
| | — li minnhom huma aċidi grassi saturati (% xaħam) | 20-29 | 20-29 |
| | Karboidrati diġeribbli (% w/w) | 1-2 | 4-8 |
| | Fibra (% w/w) | 1,2-3,5 | 4-6 |
| | Kitina(*) (% w/w) | ≤ 3 | 4-9 |

| | | |
|---|---|---|
| Valur tal-perossidu (Meq $O_2$/kg xaħam) | ≤ 5 | ≤ 5 |
| **Kontaminanti** | | |
| *Metalli tqal* | | |
| Ċomb (mg/kg) | ≤ 0,01 | ≤ 0,075 |
| Kadmju (mg/kg) | ≤ 0,05 | ≤ 0,1 |
| *Mikotossini* | | |
| Aflatossini (Is-somma ta' B1, B2, G1, G2) (µg/kg) | ≤ 4 | ≤ 4 |
| Aflatossina B1 (µg/kg) | ≤ 2 | ≤ 2 |
| Deossinivalenol (µg/kg) | ≤ 200 | ≤ 200 |
| Okratossina A (µg/kg) | ≤ 1 | ≤ 1 |
| *Diossini u PCBs* | | |
| Total ta' diossini u dl-PCBs (UB, WHO-TEQ2005)(**) (pg/g xaħam) | ≤ 0,75 | ≤ 0,75 |
| **Kriterji mikrobijoloġiċi** | | |
| Għadd totali tal-kolonji aerobiċi (UJK/g) | ≤ $10^5$ | ≤ $10^5$ |
| Enterobacteriaceae (test preżuntiv) (UJK/g) | ≤ 100 | ≤ 100 |
| *Escherichia coli* (UJK/g) | ≤ 50 | ≤ 50 |
| *Listeria monocytogenes* | Assenti f'25 g | Assenti f'25 g |
| *Salmonella* spp | Assenti f'25 g | Assenti f'25 g |
| *Bacillus cereus* (test preżuntiv) (UJK/g) | ≤ 100 | ≤ 100 |
| Staphylococci koagulaži-pożittivi (UJK/g) | ≤ 100 | ≤ 100 |
| Anaerobi li jirriduċu s-sulfit (UJK/g) | ≤ 30 | ≤ 30 |
| Ħmira u moffa (UJK/g) | ≤ 100 | ≤ 100 |

(*) Kitin ikkalkulat bħala d-differenza bejn il-frazzjoni tal-Fibra tad-Deterġenti tal-Aċidu u l-frazzjoni ta' Lignin tad-Deterġenti tal-Aċidu (ADF-ADL), kif deskritt minn Hahn et al. (2018).

(**) Is-somma ta' livell superjuri tal-poliklorodibenżo-p-diossini (PCDD)-poliklorodibenżofurani (PCDF) u tal-poliklorobifenili simili għad-diossini (PCB) espressa bħala l-ekwivalenti tossiku tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (bl-użu tal-WHO-TEF tal-2005)).

UJK: unitajiet li jifformaw kolonja."